MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2005

Numru 718/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**Vs**

Adrian Psaila

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Adrian Psaila numru ta’ karta ta’ identita’ 247184(M), akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn il-14 u l-15 ta’ Awissu 2005 ghal habta ta’ bejn t-tlieta u nofs ta’ filghodu (03:30 hrs) u l-erbgha u nofs (04:30 hrs), gewwa Triq Santu Wistin San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:-

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra WPS45 M. Bartolo, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Artikoli 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta', WPS45 M. Bartolo, PS914 Ivan Mifsud, PC18 C. Mifsud, WPC12 A. Fenech, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qighdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' WPS45 M. Bartolo u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd weggha bil-kliem, b'gesti, jew mod iehor lil WPS45 M. Bartolo, PS914 Ivan Mifsud, PC18 C. Mifsud, WPC12 A. Fenech, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' WPS45 M. Bartolo, PS914 Ivan Mifsud, PC18 C. Mifsud, WPC12 A. Fenech, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew

b’xi mod iehor, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta mill-imputat.

Semghet l-imputat f’din l-ewwel udjenza jammetti l-akkuzi kontrih dedotti fl-liema ammissjoni ppersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Semghet l-imputat jiddikjara bil-miftuh li jiddispjacih ghall-incident.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonstatat illi l-ewwel erba akkuzi huma ta’ natura ta’ reati waqt li l-ahhar tlieta huma kontravenzjonijiet.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat ser tghaddi minnufih sabiex tinfliggi l-piena. Rat ghalhekk l-Artikolu 96, 95 221, 252, 338(M), 338(dd), 338(ee) u 17 tal-Kap 9 u waqt li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti tikkundannah Lm60 multa komplessiva dwar it-tielet, l-hames, is-sitt u s-seba’ akkuza u fir-rigward l-kumplament tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sentejn mill-lum.

Takkorda lill-imputat zmien xahar mill-lum sabiex ihallas l-multa fin-nuqqas tordna li tigi konvertita zmien hmistax l-jum prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------